

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

► **C1** DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-19 ta' Ġunju 2006

li tistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza

(2006/493/KE) ◀

(ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 370)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b> Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/584/KE tal-15 ta' Lulju 2008	L 188	26	16.7.2008

Kkoreġuta minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 64M, 10.3.2009, p. 131 (2006/493/EC)

▼B▼C1

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-19 ta' Ġunju 2006

**li tistabblixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza**

(2006/493/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 69(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza għandu jiġi ffixxat skond il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda tas-17 ta' Mejju 2006 <sup>(2)</sup>.
- (2) L-ammont totali għandu jinkludi l-ammont għall-Bulgarija u r-Rumanija bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2007, tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' Unjoni Ewropea. Jekk it-Trattat ta' Adeżjoni ma jidħolx fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 għal wieħed minn daww il-pajjiżi jew għat-tnejn li huma l-ammont totali għandu jiġi għaldaqstant adattat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza ddefinit fl-Artikolu 2(j) ta' dak ir-Regolament huma ffixxati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.



M1

## ANNEX

**Ammont totali ta' approprijazzjonijiet ta' impenn għall-2007-2013, it-tqassim annwali u l-ammont minimu li għandu jiġi allokat għar-reġjuni eliġibbli skond l-għan ta' "Konverġenza" (\*)**

prezzijiet ta' 2004 f'EUR (**)	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
Ammont totali għall-UE-25, u magħhom il-Bulgarija u r-Rumanija	9 325 497 783	10 788 767 263	10 515 007 756	10 278 583 653	9 824 886 713	9 588 187 168	9 356 225 581	69 677 155 918
Ammont minimu riservat għar-reġjuni eliġibbli skond l-għan ta' "konverġenza"								27 676 975 284

(\*) Qabel il-modulazzjoni obligatorja u trasferimenti oħra ta' nfiq marbut mas-suq u ta' pagamenti diretti tal-politika agrikola komuni lill-iżvilupp rurali.

(\*\*) L-ammonti huma miġjuba għall-eqreb euro.

**Ammont totali ta' approprijazzjonijiet ta' impenn għall-2007-2013, it-tqassim annwali u l-ammont minimu li għandu jiġi allokat għar-reġjuni eliġibbli skond l-għan ta' "konverġenza" (\*)**

prezzijiet kurrenti f'EUR (**)	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
Ammont totali għall-UE-25, u magħhom il-Bulgarija u r-Rumanija	9 896 292 851	11 678 108 653	11 609 418 209	11 575 354 634	11 285 706 554	11 234 089 442	11 181 555 662	78 460 526 005
Ammont minimu riservat għar-reġjuni eliġibbli skond l-għan ta' "konverġenza"								31 232 644 963

(\*) Qabel il-modulazzjoni obligatorja u trasferimenti oħra ta' nfiq marbut mas-suq u ta' pagamenti diretti tal-politika agrikola komuni lill-iżvilupp rurali.

(\*\*) L-ammonti huma miġjuba għall-eqreb euro.